

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2023**tal-4 ta' Diċembru 2020****dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar l-emendar tal-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽²⁾ (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda l-Anness IV għall-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, l-Anness IV għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar propost għall-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ⁽⁴⁾.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

⁽¹⁾ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1).

⁽⁴⁾ Ara d-dokument ST 12933/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>